**EDUKAZZJONI KONFERENZA KURRIKULU MINIMU NAZZJONALI – 2/3 Dicembru 2011 – Mario Mallia Kelliem ghall-Edukazzjoni Alternattiva Demokratika**

Dan il-proċess tentattiv biex naraw fejn qegħdin. Naraw fejn nixtiequ mmorru. Fil-kuntest tar-realitajiet li ngħixu illum, kurrikulum huwa eżerċizzju ta' immaġinazzjoni li nixtiequha issir realta`. Dak li aħna illum .... dak li nixtiequ nkunu għada.

Dan il-qafas tal-kurrikulum għalhekk huwa stedina għal riflessjoni. Anzi... stedina ta' riflessjoni kollettiva. Ta' din l-opportunita` għanda għal xiex inkunu grati.

KUNTEST

Apprezzament tal-fatt li dan id-dokument miktub f'kuntest – soċjali + Ideoloġiku

Kurrikulum - sit ta' kontestazzjoni – għaliex din l-enfasi mhux oħra?
INTERPRETAZZJONI

1. Għaliex dokument fuq ix-xjenza u mhux fuq aspett ieħor ez. Il-kreattivita`? – Għażla.
2. X'ġie inkluż u xi tħalla barra ... għaliex il-policies li ssemmew u mhux focus fuq multikulturaliżu u gender. X'jiġri wara l-iskola bil-HW/privatijiet tħalla barra. Dawn għażliet ukoll.
3. Nikkontendi li id-dokument mhux qed jagħti biżżejjed enfasi fuq l-aspett komunitarju imma jiffoka fuq l-individwu. Għażla oħra.
4. Nikkontendi ukoll li il-qafas jagħmel enfasi fuq l-ekonomija b'mod prinċipali. Liema mudelli ekonomiċi qed nitkellmu fuqhom? Liema nixtiequ nkattru? Liema qed ninjoraw?

Id-dokument jagħmel sett ta' għażliet – konxji jew inkonxji. Dan jitfa' dawl fuq mudell ta' soċjeta` partikulari - li għandna u li nixtiequ. X'qed naraw nieqes? X'nixtiequ niffukaw l-iżjed fuqu?

Niffoka fil-qosor fuq xi aspetti mill-għażliet li saru.

1. Edukazzjoni kritika,
2. komunita`,
3. pern ekonomiku,
4. decentralizzazzjoni/flessibbilta`,
5. policies

1. EDUKAZZJONI KRITIKA

It-tieni punt.  Nixtieq u naspira għal edukazzjoni u soċjeta` b'sens ikbar ta' komunita` f'kuntest kritiku.

Tissemma l-vuċi tal-istudenti ... il-bżonn ta' spazju biex it-tfal jesprimu ruħhom.

Fuq edukazzjoni kritika, nixtiequ naraw iktar u b'mod iktar sistematiku.

Temi kurrikulari iktar milli suġġetti – ninfatmu minn niċeċ tas-suġġetti.  Inħarsu lejn l-għerf b'lenti holistika.  Interpretazzjoni kritika tad-dinja iktar possibbli

2. KOMUNITA`

Temi kurrikulari ifisser li IRRIDU NAĦDMU FLIMKIEN – komunita` edukattiva

L-għażla tat-temi interkurrikulari f'ċertu sens timmilita kontra l-aspetti komunitarji.

- E-learning
- Edukazzjoni għal żvilupp sostenibbli
- Edukazzjoni Interkulturali
- Edukazzjoni għall-imprenditorija
- Kreattivita` u Innovazzjoni

Jistgħu ikunu individwali ħafna.  **Fis-soċjeta` li qed ngħixu fiha** – iktar bżonn ta' sens ta; interdipendenza + komunita`.

Edukazzjoni koperattiva – IMPENN ĊAR

Apparti (Edukazzjoni demokratika.  Edukazzjoni kritika – bħal Eurpean Reference Framework

3. PERN EKONOMIKU

Tieħu l-impressjoni netta ukoll li dan il-qafas, b'mod konxju jew inkonxju jħares lejn l-edukazzjoni bħala għodda ekonomika.

a. Il-kunċett ta' edukazzjoni għal żvilupp sostenibbli huwa interpretat kważi b'mod esklussiv minn lenti ekonomika.

b. Id-dokument jagħmel sforz biex juża ukoll terminoloġija ekonomika fosthom l-edukazzjoni għall-inprenditorija anke jekk dak li jfisser bil-kelma il-qafas huwa il-bogħod mis-sens kemmxejn dejjaq li nifhmu bih normalment.

c. Il-*job shadowing* jissemma bħala exposure għad-dinja tax-xogħol imma jonqos milli jirreferi għal evalwazzjoni kritika ta' din l-esperjenza.

d. Saħansitra fl-edukazzjoni bikrija, tissemma l-preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol.

Ħa niftehmu ... li it-tfal tagħna jkunu kapaċi jieħdu sehem attiv fl-ekonomija huwa importanti. Mill-banda l-oħra ir-rwol tal-edukazzjoni huwa li jrawwem persuni u komunitajiet li kapaċi jifhmu u jaħdmu favur ekonomija għas-servizz tal-komunita` mhux persuni tat-tafal li jidħlu kexxun fil-forom dojoq tas-sistemi u strutturi ekonomiċi eżistenti. Norbot mas-sens kritiku u l-bżonn ta' dimensjoni socjali u ekoloġika iktar wiesgħa

4. DEĊENTRALIZZAZZJONI vs CENTRALIZZAZZJONI

Tħoss taqtiegħa kontinwa bejn qafas li jiddikjara l-flessibbilta` u awtonomija bħala prinċipji fundamentali u l-possibbilta` ta' qafas preskrittiv iż-żejjed. Il-bilanċ, faċli mhuwiex. Irridu nogħqodu b'seba' għajnejn li ma nirrendux lill-għalliema tagħna technicians.

1. Hemm bżonn iktar awtonomija bil-mod kif jaħdmu l-kulleġġi fl-iskejjel tal-istat. Jissemma assessment ....Inkella nibqgħu inrawwmu il-mentalita` kolonjali li tistenna kollox ġej minn fuq. Dan jeqred is-sens ta' inizjattiva, kreattivita`, innovazzjoni u anke l-empowerment li jiġu mfittxija soluzzjonijiet għall-isfidi li tippreżenta ir-riforma fl-edukazzjoni.

2. Xenarji differenti interessanti – l-implimentazzjoni iktar libera b'decizjoni mill-iskejjel infushom. Mhux ONE SIZE FITS ALL?

3. *Marbut ma dan huwa l-assigurazzjoni tal-kwalita`. Hawnhekk huwa important li nkunu f'diskussjoni dejjiema fuq dak li qed infissru bi kwalita`.* ***Mhux dak li jitkejjel biss huwa edukazzjoni.*** *Din kruċjali. Dan li nagħżlu li ma nikkunisidrawx huwa għażla politika u għaldaqstant titlob djalettika kontinwa. Li l-iskejjel jitqabblu magħhom infushom milli ma skejjel oħra huwa punt pożittiv.*

4. POLICY DEVELOPMENT

L-Għażla ta' Politika dwar il-Lingwa + Diversita`, Parteċipazzjoni tal-Ġenituri+ aspetti vokazzjonali - KOLLHA TAJBIN

Kemm jista' jkun at school/college level mhux ċentrali.

SUĠĠERIMENTI OĦRA

1. Politika multikulturali li tindirizza issues ta' razziżmu
2. Gender policy – f'soċjeta` li għadha patriarkali
3. SEC: Inutli li jkollok triq wiesgħa jekk ħabta u sabta tidjieq fi sqaq. Dak li jiġri fl-edukazzjoni obbligatorja jiddependi minn dak li jiġri fil-livelli tas-SEC u l-edukazzjoni post-sekondarja. Dan il-qafas għalhekk, għandu jiġi mżewweġ ma proċess ta' evalwazzjoni u riforma tas-SEC. TIME-LINE TA' IMPLIMENTAZZJONI MA TIDHIRX.

KONKLUŻJONI

PROĊESS KONSULTATTIV WIESGĦA – prosit – minn dokument kurrikulari li lanqas biss nafu minn kitbu għal proċess twil - Qabża kbira ta' kwalita` f'dak l-aspett. PROSIT

Nittama li tkompli trawwem djalettika

BŻONN TA' DJALETTIKA KONTINWA

5. Fl-iskejjel – il-fatt li qed jiġi kkontemplat ħin KULL GIMGĦA biex l-għalliema jkunu jistgħu jiltaqgħu flimkien mingħajr it-tfal – PRAXIS

6. L-IKBAR RIŻORSA AĦNA – Il-biża mill-bidla naturali. Ma tistax twassal għal paraliżi. GĦANDU JKOLLNA FIDUĊJA FIL-KAPAĊITAJIET TAGĦNA. u imħabba għat-tfal – eżempji ta' prattika tajba

+

Flimkien ma sistema ta' sapport b'widnejha ma l-art u viċin l-iskejjel u t-tfal u l-għalliema.

J'Alla dawn il-jumejn ta' ħidma jħallu l-frott mixtieq